

- Tannulla l-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Kunsill 1954/2003 safejn dan ma jeskludix l-aċċess għal bastimenti Spantoli fl-ibħra tal-Azores għas-sajd ta' tonn jew ta' speċji li jixbhu lit-tonn;
- Tirreferi l-kawża lura lill-Qorti tal-Prim'Istanza jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma tikkunsidrax li hija fi stat li tiddeċiedi definnittivament il-kawża; u
- Tordna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jħallas l-ispejjeż tar-Reġjun Awtonomu tal-Azores (Região Autónoma dos Açores) kemm għal proċeduri fil-prim'istanza u f'dan l-appell.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellant iressaq seba' aggravji in sostenn tal-appell tiegħu kontra s-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti tal-Prim'Istanza.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi meta sabet li l-protezzjoni mogħtija lill-appellant skont l-Artikolu 299(2) KE ma kinitx biżżejjed sabiex tistabbilixxi li l-appellant huwa individwalment ikkonċernat bid-dispożizzjonijiet ikkontestati.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonkludiet b'mod żbaljat li Stati Membri biss, u mhux anki awtoritajiet reġjonali, għandhom id-dritt li jiddefendu l-interessi ġenerali tat-territorju tagħhom.

It-tielet nett, il-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi meta sabet naqset milli tiddistingwi bejn kunsiderazzjonijiet ta' natura ambjentali minn dawk ekonomiċi.

Ir-raba' nett, il-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi meta sabet li d-dispożizzjonijiet ikkontestati ma kienu ikollhom effetti ta' ħsara għall-stokkijiet ta' ħut u għall-ambjent tal-baħar tal-Azores u, għaldaqstant, għas-sopravivenza tas-settur tas-sajd fir-reġjun.

Il-ħames nett, il-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi meta sabet li l-effett tad-dispożizzjonijiet ikkontestati fuq il-poteri leġislattivi u eżekuttivi tal-appellant ma għamlx lill-appellant individwalment ikkonċernat bid-dispożizzjonijiet.

Is-sitt nett, il-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li l-applikazzjoni tal-appellant ma kinitx ammissibbli minħabba li ma kienu hemm rimedju effettiv ieħor għall-appellant.

Is-seba' nett, il-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi meta naqset milli tikkunsidra b'mod kumulattiv u b'mod separat il-fatturi li bbaża fuqhom l-appellant.

- (¹) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003, tal-4 ta' Novembru 2003, dwar l-immaniġġjar tal-isforz għas-sajd li jirrigwarda ċerti żoni u riżorsi tas-sajd tal-Komunità u li jimmodifika r-Regolament (KE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 685/95 u (KE) Nru 2027/95 (ĠU L 289, p. 1).
- (²) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2347/2002, tas-16 ta' Diċembru 2002, li jistabbilixxi ħtiġijiet speċifiċi ta' aċċess u kundizzjonijiet relattivi għas-sajd ta' ħażniet tal-baħar fond (ĠU L 351, p. 6).
- (³) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 685/95, tas-27 ta' Marzu 1995, dwar l-amministrazzjoni tax-xogħol tas-sajd li għandu x'jaqsam ma' ċerti arji u riżorsi tas-sajd tal-Komunità (ĠU L 71, p. 5).
- (⁴) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/95, tal-15 ta' Ġunju tal-1995, li jstabbilixxi sistema għall-amministrazzjoni tal-isforzi li jsiru fis-sajd dwar ċerti arji u riżorsi tas-sajd tal-Komunità (ĠU L 199, p. 1).

Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (Franza) fid-9 ta' Ottubru 2008 — Société Solgar Vitamin's France, Valorimer SARL, Christian Fenioux, L'Arbre de Vie SARL, Société Source Claire, Nord Plantes EURL, Société RCS Distribution, Société Ponroy Santé — Intervenjenti: Syndicat de la Diététique et des Compléments Alimentaires vs Ministre de l'Économie, des Finances et de l'Emploi, Ministre de la Santé, de la Jeunesse et des Sports, Ministre de l'Agriculture et de la Pêche

(Kawża C-446/08)

(2008/C 327/27)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Qorti tar-rinvju

Conseil d'État

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Société Solgar Vitamin's France, Valorimer SARL, Christian Fenioux, L'Arbre de Vie SARL, Société Source Claire, Nord Plantes EURL, Société RCS Distribution, Société Ponroy Santé

Konvenuti: Ministre de l'Économie, des Finances et de l'Emploi, Ministre de la Santé, de la Jeunesse et des Sports, Ministre de l'Agriculture et de la Pêche

Domandi preliminari

- 1) Id-Direttiva 2002/46/KE tal-10 ta' Ġunju 2002⁽¹⁾, b'mod partikolari l-Artikoli 5(4) u 11(2) tagħha, għandha tiġi interpretata fis-sens li jekk fil-prinċipju huwa għall-Kummissjoni li tiddefinixxi l-livelli massimi ta' vitamini u ta' minerali preżenti fis-supplimenti tal-ikel, l-Istati Membri jibqgħu kompetenti sabiex jadottaw liġi fil-qasam sakemm il-Kummissjoni ma tkunx adottat l-att Komunitarju mitlub?
- 2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għal din id-domanda:
 - a) L-Istati Membri, huma obbligati, fl-iffissar ta' dawn il-livelli massimi, jirrispettaw il-kundizzjonijiet imposti mill-Artikoli 28 u 30 tat-Trattat KE, li jibbażaw ruħhom fuq il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva, inkluż ir-rekwiżit ta' kalkolu ta' riskju ibbażat fuq informazzjoni xjentifika ġeneralment aċċettata f'settur li għadhu kkaratterizzat minn inċertezza relattiva?
 - b) Jista' Stat Membru jiffissa livelli massimi meta huwa impossibbli, bħal fil-każ tal-floridu, li jikkalkula bi preċiżjoni l-ammont ta' vitamini u minerali li ġejjin minn sorsi oħra tal-ikel, b'mod partikolari l-ilma tal-vit, għal kull grupp ta' konsumaturi u fuq bażi ta' territorju b'territorju? Jista', f'dan il-każ, jiffissa livell zero fejn huwa magħruf li hemm riskji, mingħajr il-bżonn li jirrikorri għall-proċedura ta' sigurtà prevista fl-Artikolu 12 tad-Direttiva tal-10 ta' Ġunju 2002?
 - c) Fl-iffissar ta' livelli massimi, jekk huwa possibbli li jittieħdu in-kunsiderazzjoni gradi differenti ta' sensitività ta' gruppi differenti ta' konsumaturi skont l-Artikolu 5(1)(a) tad-direttiva, Stat Membru jista' wkoll jibbaża ruħu fuq il-fatt li miżura ntiża biss għall-pubbliku partikolarment espost għar-riskju, pereżempju itikkettjar xieraq, tista' jid-diswadi dan il-grupp milli jirrikorri għal nutrijent li jkun ta' benefiċċju għalih f'doża żgħira? It-teħid inkunsiderazzjoni ta' din id-differenza ta' sensitività tista' tirriżulta fl-applikazzjoni lill-poplu kollu tal-livell massimu xieraq għal pubbliku sensitiv, b'mod partikolari t-tfal?
 - d) Safejn jistgħu jiġu f'fissati livelli massimi fin-nuqqas ta' livelli ta' sigurtà fil-każ fejn mhemm l-ebda perikolu għas-saħħa? B'mod iktar ġenerali, safejn u f'liema kundizzjonijiet l-ikkunsidrati ta' kriterji li għandhom jittieħdu in-kunsiderazzjoni jista' jwassal sabiex jiġu f'fissati livelli massimi li huma inqas b'mod sinjifikattiv mil-livelli ta' sigurtà aċċettati għal dawn in-nutrijenti?

⁽¹⁾ Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-10 ta' Ġunju 2002, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel (ĠU L 183, p. 51).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Svea hovrätt, l-Iżvezja fit-13 ta' Ottubru 2008 — Otto Sjöberg vs Åklagaren

(Kawża C-447/08)

(2008/C 327/28)

Lingwa tal-kawża: L-Iżvediż

Qorti tar-rinviju

Svea hovrätt

Partijiet fil-kawża prinċipali

Appellant: Otto Sjöberg

Appellata: Åklagaren

Domandi preliminari

- 1) F'ċertu ċirkustanzi, diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità fi swieq nazzjonali ta' loġhob tal-ażżard u lotteriji tista' tkun iġġustifikata minħabba raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali?
- 2) Jekk jeżistu numru ta' għanijiet segwiti mill-politika restrittiva adottata f'suq nazzjonali ta' loġhob tal-ażżard u lotteriji u wieħed minnhom huwa l-iffinanzjar ta' attivitajiet soċjali, dan jista' jitqies bħala aspekk pożittiv inċidentali, konsegwenza ta' din il-politika restrittiva? Fil-każ ta' risposta negattiva għal din id-domanda, il-politika restrittiva li qed tiġi segwita tista' tkun aċċettabbli jekk l-għan tal-iffinanzjar ta' attivitajiet soċjali ma jstax jitqies bħala l-għan prinċipali tal-politika restrittiva?
- 3) L-Istat jista' jinvoka raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali bħala ġustifikazzjoni għal politika restrittiva tal-loġhob tal-ażżard jekk kumpanniji kkontrollati mill-Istat jikkummerċjalizzaw l-loġhob tal-ażżard u l-lotteriji, li l-qliegħ tagħhom imur f'idejn l-Istat, u wieħed mill-għanijiet ta' din il-kummerċjalizzazzjoni huwa l-iffinanzjar ta' attivitajiet soċjali? Fil-każ ta' risposta negattiva għal din id-domanda, il-politika restrittiva li qed tiġi segwita tista' tkun, madankollu, aċċettabbli jekk jiġi deċiż li l-iffinanzjar ta' attivitajiet soċjali mhuwiex l-għan prinċipali tal-kummerċjalizzazzjoni?
- 4) Projbizzjoni totali fuq il-kummerċjalizzazzjoni ta' loġhob tal-ażżard u lotteriji organizzati fi Stat Membru ieħor minn kumpannija tal-loġhob tal-ażżard stabbilita hemmhekk u ssorveljata mill-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru tista' tkun proporzjonali mal-għan ta' sorveljanza u ta' monitoraġġ tal-attività tal-loġhob tal-ażżard, meta fl-istess ħin m'hemm restrizzjonijiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni ta' loġhob tal-ażżard u lotteriji organizzati minn kumpanniji tal-loġhob tal-ażżard stabbiliti fi Stat Membru li jadotta l-politika restrittiva? X'inħir-risposta għad-domanda jekk l-għan tat-tali arranġament huwa dak li jiġi limitat il-loġhob tal-ażżard?